# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 15 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru : 8/2014 JPG**
**Kawza Numru : 3**

**Hesham Zayed, Ben Kodra Abdalla Fathi Abdalla, Bodhir Ali Rmadan, Riani Khaled, El Wohashi Elhadi Mohammed [I.D. 282613(L)], [I.D. 162511 (L)], [I.D. 430309(L)], [I.D.137006(L)], [I.D. 54105(L)]**

**VS.**

**L-Onor. Prim Ministru, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-KummissjoniElettorali, Il-Kummissarju tal-Pulizija u b'digriet tas-26 ta' Mejju 2014 gie kjamat in kawza Direttur tal-Ufficcju ghall-Immanigjar tal-Identita'**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Hesham Zayed, Ben Kodra Abdalla Fathi Abdalla, Bodhir Rmadan, Riani Khaled. El Wohashi Elhadi Mohammed tal-5 ta' Frar 2014. (a fol. 1 et seq.) li jaqra hekk:

*"Illi, l-atturi jaghmlu riferenza ghall-iittra ufficjali taghhom li ggib in-numru **3930/13** iddatata it-**30 ta' Dicembru, 2013**.*

*Illi, l-karti tal-identita' tal-mittenti jipproducu numri fejn l-ahhar zewg numerali fis-serje ma jikkorispondix ghas-sena tat-twelid taghhom, bhalma hija is-sitwazzjoni ghac-cittadini Maltin kollha imwielda hawn Malta;*

*Illi, in-numerali suriferiti jikkorrispondu izda ghas-sena tar-registrazzjoni taghhom bhala cittadini Maltin u l-ittra li tidentifika cittadinanza minnflok hija l-ittra 'M' bhal bqija tac-cittadini Maltin hija l-ittra 'L';*

*Illi, id-dispkrepanzi fir-rapprezentazzjoni tal-informazzjoni hija wahda li tohloq distinzjoni bejn cittadini Maltin u cittadini Maltin ohrajn li twassal ghal diffikoltajiet fl-integrazzjoni ta' dawn il-persuni fis-socjeta Maltija;*

*Illi, kull cittadin Malti ghandu, fil-limiti li tippermetti l-ligi, jigi trattat ugwalment, salv eccezzjonijiet fejn dan ma jkunx possibbli jew inkella jincidi fuq is-sigurta' tal- pajjiz;*

*Illi, kull cittadin Maltin, anzi kull persuna f Malta jaf ezattament it-tifsira tal-ittra (L) u jaf li l-ahhar zewg numri ghandhom jikkorispondu ghas-sena tat-twelid tal-persuna intitolata ghal dik il-karta tal-identita';*

*Illi, dawn il-partikolaritajiet tal-karta tal-identita' Maltija jikkostiwixxu, anke b'mod separat u distint mill-bqija tal-informazjoni migjuba fuq il-karta tal-identita', forma ta' identifikazzjoni fihom innnfushom u ghaldaqstant id-diskrepanza tohloq distinzjoni fl-identifikazzjoni;*

*Illi, ma hemm ebda raguni sodisfacenti legali u ma jiviugu ebda mill-eccezzjonijiet fuq imsemmijja li jimmmilitaw favur iz-zamma ta' din is-sistema u ghaldaqstant ghandha tigi emendata is-sistema sabiex tieqaf din id-diskriminazzjoni negattiva;*

*Illi, l-Kap .258 tal-Ligijiet ta' Malta [Att dwar ill-Karta tal-ldentita' u Dokumenti Ohra tal-ldentita'] tipprovdi li huwa l-Onor. Prim Ministru li jinnomina lill-ufficjal pubbliku sabiex jagxxi tal-ufficjal awtorizzat munit bis-setgha li johrog il-karti tal-identita';*

*Illi, inoltre, l-Art. 5(2) tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta tirregola l-hrug tal-karta tal-identita' u tiddisponi b'liema minn dawk il-partikolaritajiet iridu jkunu prezenti fuqha u dana billi irid ikollha id-dettalji ta:*

*" ....[...] ...*
*(a) isem u kunjom*
*(b) l-indirizz tal-post principali ta' residenza;*
*(c) sess;*
*(d) nazzjonalita';*
*(e) post u data tat-twelid"*

*Illi, inoltre l-Art (5)(2) tal-Kap. 258 jiddisponi li, inter alia u ad validitatem, il-karta tal-identita' trid ukoll "...n-numru tal-**att ta' twelid taghha** kif mghoti mir-Registru Pubbliku.";*

*Illi, kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-agir tal-konvenuti, jew xort' ohra l-ufficjali minnhom delegati jew innominati, li jippublikaw il-karti tal-identita' u jaghtu dezinjazzjonijiet diversi bejn cittadini tal-isstess nazzjonalita' huwa abuziv u diskriminatorju u leziv tad-drittijiet fundamentali taghhom li ma huwiex gustifikabbli fl -interess nazzjonali;*

*Illi, il-karta tal-identita' kif tirraporta id-dettalji, senjatament izda mhux esklussivament ta' dawn il-persuni suriferiti, huwa diskriminatorju u lezivi ta' drittijiet fundamentali taghhom ghal-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti a tenur tal-**Art. 36 tal-Kostituzzjoni ta'Malta u l-Art. 3 tal-Kovenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta];***

*Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-karta tal-identita' kif tirraporta id-dettalji, senjatament izda mhux esklussivament ta' dawn il-persuni*

*suriferiti, huwa diskriminatorju u lezivi ta' drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni ghall-intimita' tad-dar jew proprjeta' ohra u dan stante li l-agir tad-dipartiment maghmula bl-awtorita' taghha ma hijiex gustifikabbli ragjonevolment f'socjeta' demokratika u dana a tenur tal-**Art. 38 tal-Kostituzzjoni ta'Malta u l-Art. 8 tal-Kovenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta];***

*Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-karta tal-identita' kif tirraporta id-dettalji, senjatament izda mhux esklussivament ta' dawn il-persuni suriferiti, huwa diskriminatorju u lezivi ta' drittijiet fundamentali taghhom ghal-protezzjoni ta' ghaqda u assocjazzjoni a tenur tal-**Art. 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art. 11 tal-Kovenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta];***

*Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-karta tal-identita' kif tirraporta id-dettalji, senjatament izda mhux esklussivament ta' dawn il-persuni suriferiti, huwa diskriminatorju u lezivi ta' drittijiet fundamentali taghhom ghal-protezzjoni ta' liberta' tal-moviment a tenur l-**Art. 44 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 2 tar-Raba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta'Malta];***

*Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-karta tal-identita' kif tirraporta id-dettalji, senjatament izda mhux esklussivament ta' dawn il-persuni suriferiti, huwa diskriminatorju u lezivi ta' drittijiet fundamentali taghhom ghal protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess a tenur tal-**Art. 45 tal-Kostituzzioni ta' Malta u l-Art. 14 tal-Kovenzjoni ghall-Protezzioni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta];***

*Illi, ghalhekk sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet u l-jeddijiet tar-rikorrenti hekk kif sanciti mill-Kostituzzjoni, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jinhtieg li ma jkunx hemm*

*id-distinzjoni netta u risalibbli bejn il-karti tal-identita' ta' dawk ic-cittadini Maltin naturalizzati u dawk icttadini Maltin imweldin f'Malta u dan sabiex tkun tista' ssehh l-integrazzjoni taghhom b'mod assolut u komplet minghajr diskriminazzjoni u minghajr ma tati ebda lok ghal diskriminazzjoni;*

*Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu supremess, u kif ukoll dawk il-provi kollha producibbli waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, l-atturi umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti, jew min mihhom, talli bl-agir abuziv u illegali taghhom ikkagunaw lill-atturi:*

1. *Lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom a tenur tal-**Art. 35 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 3 tal-Kovenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta];** u/jew*

2. *Minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-Ewwel Talba, lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom a tenur tal-**Art. 38 tal-Kostituzzjoni ta'Malta u l-Art. 8 tal-Kovenzioni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta'Malta]**; u/jew*

3. *Minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-Tieni Talba, lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom a tenur tal-**Art. 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art. 11 tal-Kovenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta];** u/jew*

4. *Minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-Tielet Talba, lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom a tenur tal-**Art. 44 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 2 tar-Raba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta'Malta];** u/jew*

5. *Minghajr pregudizzju u subordinatament ghar-Raba' Talba, lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom a tenur tal-**Art. 45 tal-Kostituzzjoni ta'Malta u l-Art. 14***

***tal-Kovenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta'Malta];*** *u konsegwentement*

6. *Tordna lill-konvenuti jew min minnhom jew xort' ohra l-ufficjali minnhom delegati jew inkarigati sabiex jigu sostitwiti l-ahhar zewg numri tal-numru tal-karta tal-identita' tal-atturi minn numri attwalment riportati kif jirrizulta mid-dokument fornit mid-Direttur tar-Registru Pubbliku wara li l-atturi rregistraw it-twelid taghhom hawn Malta, ghall-ahhar zewg numri tas-sena tat-twelid taghhom; u*

7. *Minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-Sitt Talba, Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, jew l-ufficjali minnhom delegati jew inkarigati, sabiex l-ittra 'L'li tidher fin-numru tal-karta tal-identita'tal-atturi tigi sostitwita' bl-ittra'M';*

8. *Taghti kull provvediment iehor li jidrilha xieraq skond il-ligi."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Prim Ministru, tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku, Tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali tas-26 ta' Frar 2014 (a fol. 9 et seq.) li taqra hekk:

*"Illi fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-Artikoli 36, 38, 42, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni, l-Artikoli 3, 8, 11, 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 2 tar-Raba` Protokoll u dan minħabba li qed ihossuhom diskriminati li inghataw numru tal-karta tal-identita` li jispicca bl-ittra (L) minfok l-ittra (M) u kif ukoll ghaliex l-ahhar zewg numri m`humiex l-ahhar zewg numri tas-sena tat-twelid taghhom.*

*Illi l-esponenti jirrespingu dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar ' l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-ligi liema ligi mhux qed tigi ikkontestata.*

*Illi jinghad ukoll li r-rikors promotur huwa mimli b`allegazzjonijiet vagi u fiergha li jrendu it-talbiet tar-rikorrenti frivoli u vessatorji.*

1. *Illi in linea preliminari l-intimati Prim Ministru, Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija jissottomettu li m`humiex il-**legittimi kontraditturi** ghat-talbiet tar-rikorrenti u dan a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta li jipprovdi li l-mansjoni guridika tal-Gvern f`kawzi gudizzjarji hija vestita fil-Kap tad-Dipartiment koncernat. Fil-kaz odjern l-imsemmija intimati m`ghandhom x`jaqsmu xejn mal- ipprocessar u hrug tal-karti tal-identita` u ghalhekk huma gew interpellati inutilment. Marbut ma` dan l-esponenti jissottomettu li t-talba numru sebgha (7) tar-rikors promotur ma tistghax tintlaqa peress li hadd mill-intimati ma` huwa responsabbli direttament mil-hrug tal-karti tal-identita`. Id-dipartiment li huwa responsabbli f`Malta ghal karti tal-identita` huwa l-Uffiċċju Għall-Immaniġġjar tal-Identità fi hdan il-Ministeru tal-Intern u Sigurta' Nazzjonali.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u **fil-mertu**, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-agir tal-esponenti huwa diskriminatorju u leziv tad-drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni minn trattament inuman u degredanti ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni hija allegazzjoni totalment infondata. Il-fatt li l-karta tal-identita` ghandha l-ittra (L) ma jfissirx li r-rikorrenti b'xi mod qed jigu assoggettati ghal trattament inuman u degredanti.*

   *L-esponenti jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. UK** (1985) fejn il-Qorti Ewropeja irriteniet illi jrid ikun hemm intenzjoni ta' umiljazzjoni sabiex jigi sodisfatt ir-rekwizit ta' trattament degredanti. Il-Qorti Ewropeja osservat illi distinzjoni bejn konjugi ta' ragel u mara fir-regolamenti tal-immigrazzjoni ma kinux degredanti peress illi 'it was not designed to, and did not, humiliate or debase but was intended solely to achieve specified non discriminatory aims'. Tajjeb li wiehed ifakkar li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering". It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – kaz "Tekin v. Turkey", deciz fid-9 ta' Gunju, 1998. Ghar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak*

*li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta` taghha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu. Fl-umli fehma tal-esponenti il-fatt li qed jinhargu karti tal-identita` bl-ittra (L) zgur li ma jammontax ghal trattament li qed jikkawza sofferenza kbira kemm fizika jew morali lin-nies.*

*Ghalhekk ma hemm ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

3. *Illi l-allegazzjoni imressqa mir-rikorrenti li huma b`xi mod gew diskriminati mill-awtoritajiet Maltin u li allegatament soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni ghall-intimita' tad-dar jew proprejta' ohra protetti bl-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija wkoll allegazzjoni totalment infondata.*

   *Illi l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegu b'mod differenti dak li generikament jissejjah 'the right to privacy'. Dan ghaliex filwaqt li l-Artikolu 38 jitkellem dwar 'proprjeta' u 'post' ta' dak li jkun, l-Artikolu 8 jitkellem dwar 'dar'. Madanakollu d-dritt tal-privatezza kif imhares b'dawn iz-zewg artikoli mhuwiex wiehed assolut izda huwa suggett ghal certu limitazzjonijiet meta jkunu jezistu cirkostanzi li jkunu meqjusa bhala gustifikabbli u ragonevoli f'socjeta' demokratika, liema cirkostanzi, kif ser jirrizulta aktar l-isfel f'din ir-risposta jezistu f'dan il-kaz.*

   *Ghalhekk ma hemm ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

4. *Illi l-allegazzjoni mressqa mir-rikorrenti li huma b'xi mod gew diskriminati u li soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni ta' ghaqda u assocjazzjoni a tenur tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija wkoll allegazzjoni infondata.*

   *L-obbligu tal-Istat huwa illi jipprotegi d-dritt tal-individwu ghall-liberta' ta' ghaqda pacifika u liberta' ta' assocjazzjoni ma' ohrajn. L-esponenti jichdu illi r-rikorrenti*

*gew impediti milli jezercitaw dan id-dritt u dan stante li l-fatt li n-numru fil-karta ta' l-identita' ta' persuna jkun jispicca bl-ittra (L), liema ittra tinghata lil kull persuna li twieldet wara s-sena 2000, bl-ebda mod ma jtellef lir-rikorrenti mid-dritt ghall-liberta' ta' ghaqda pacifika u ta' assocjazzjoni taghhom.*

*Illi dan id-dritt ta' l-assocjazzjoni huwa wkoll soggett illi jigi regolat b'mod proporzjonat u f'dan il-kaz ma sar xejn illi jilledi l-imsemmi dritt fil-konfront tar-rikorrenti.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

5. *Illi l-allegazzjoni mressqa mir-rikorrenti li huma b'xi mod gew diskriminati u li soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni ta' liberta tal-moviment a tenur tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja hija wkoll allegazzjoni infondata.*

   *Illi l-karta tal-identita' mahruga lir-rikorrenti ghandha l-istess effetti bhal kull karta tal-identita' ohra mahruga mid-Dipartiment u bl-ebda mod ma xxekkel jew tostakola l-liberta' ta' movement gialadarba persuna tkun tgawdi minn tali liberta' ta' movement. Ir-rikorrenti m`humiex qed jinzammu arrestati jew detenuti* ***illegalment*** *anzi bhala cittadini Maltin ghandhom id-dritt ta` moviment liberu gewwa Malta, id-dritt li jirrisjedu f'kull parti ta' Malta, id-dritt li johorgu minn Malta u d-dritt li jidhlu Malta.*

   *Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

6. *Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li fuq il-karta tal-identita` inghataw ittra u/jew numri differenti minn cittadini ohra Maltin hija assolutament mhux veritiera. Illi certament li tali karta ta' l-identita ma tledi l-ebda dritt tar-rikorrenti jew twassal ghal xi diskriminazzjoni skont l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

   *Il-fatt li r-rikorrenti ghandhom karta tal-identita` b`numru li jispicca bl-ittra (L) ifisser biss li huma kkunsidrati bhala cittadini Maltin daqs kull cittadin iehor Malti*

*li twieled f`Malta. Xejn iktar u xejn inqas. Kif ser jigi spjegat u ppruvat ahjar fil-kors ta` din il-kawza, kull cittadin Malti li  rregistra t-twelid tieghu fir-Registru Pubbliku (Malta) wara 1 ta` Jannar 2000 ser ikollu numru tal-karta tal-identita` li jispicca bl-ittra (L) u min irregistrah Ghawdex ser ikollu l-ittra (H) minflok l-ittra (G) u dan japplika indiskriminatament kemm ghal dawk il-persuni li twieldu Malta kif ukoll ghal dawk li akkwistaw matul iz-zmien ic-cittadinanza Maltija (bhal ma huwa l-kaz tar-rikorrenti).*

*Illi l-ahhar zewg numri tal-karta tal-identita` jirriflettu s-sena meta t-twelied gie irregistrat fir-Registru Pubbliku u mijiex s-sena tat-twelied kif qed jghidu skorretement ir-rikorrenti. Jekk per ezempju persuna twieldet fis-sena 1998 u t-twelid taghha gie rregistrat fis-sena 1999, dik il-persuna tinghata numru progressiv tas-sena 1999 skond in-numru li jkun imis f`dik is-sena. Dan allura jfisser li jekk ir-registrazzjoni ssir fl-istess sena meta jkun sar it-twelid, allura r-registrazzjoni ssir f'dak ir-registru ta` dik is-sena, imma jekk ir-registrazzjoni ssir snin wara, allura ssir fir-registru ta' dik is-sena li fiha tkun saret ir-registrazzjoni. Dan kollu huwa provdut fis-segwenti artikoli tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta:*

> ***240.*** *(1) L-atti li jidħlu għar-reġistrazzjoni għandhom jiġu nnumerati wieħed wara l-ieħor, għandhom iġibu d-data li fiha jiġu rċevuti u għandhom jiġu ffirmati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.*
>
> ***241.*** *Kull xorta ta' atti għandu jkollha numerazzjoni għaliha, li tibda mill-ewwel att u tispiċċa fl-aħħar wieħed li jkun daħal f'kull sena.*
>
> ***245.*** *(1) L-atti għandhom jitniżżlu fir-reġistru li jmiss, wieħed wara l-ieħor, fl-ordni li jkunu daħlu, u mingħajr ebda vojt bejniethom.*
>
> *(2) Ir-reġistrazzjoni għandha ssir, sakemm jista' jkun, skont il-formuli li hawn ma' dan il-Kodiċi dwar kif għandhom jinkitbu l-atti, ukoll meta d-dokumenti, illi fil-każijiet imsemmijin f'dan it- Titolu jistgħu jiġu ppreżentati minflok dawn l-atti, ikunu magħmula xort'oħra.*

> *(3) Ir-reġistrazzjoni għandu jkun fiha wkoll id-data ta' meta jidħol l-att, u t-traskrizzjoni tal-firma tad-Direttur.*

*Illi l- Artiklu 5(2) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li*

> *(2) Il-karta tal-identità għandu jkollha ritratt tal-persuna li lilha tkun ġiet maħruġa, liema, fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, ikun verament jixbaħ lil dik il-persuna fil-ħin li ġiet maħruġa l-karta tal-identità u għandu jkun hemm fuqha wkoll id-data li fiha tindika l-bidu tal-validità tagħha u meta tiskadi, **u n-numru tal-att ta' twelid tagħha kif mgħoti mir-Reġistru Pubbliku**. Għandu wkoll ikollha l-firma jew kopja tal-firma reċenti tad-detentur, kif ukoll id-dettalji tal-persuna konċernata li ġejjin:*
> *(a) isem u kunjom;*
> *(b) l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza;*
> *(ċ) sess;*
> *(d) nazzjonalità;*
> *(e) post u d-data tat-twelid,*
> *u tista' tinkludi dawk id-dettalji jew informazzjoni oħra kif l-uffiċjal awtorizzat jidhirlu xierqa.*

*Illi galadarba l-ligi stess tghid li fuq il-karta tal-identita` jitnizzel in-numru tal-att tat-twelid mghoti mir-Registru Pubbliku isegwi ghalhekk li l-ahhar zewg numri li nsibu fuq il-karta tal-identita` huma n-numri tas-sena meta t-twelid gie irregistrat fir-Registru Pubbliku. Dan kollu huwa skond il-ligi u japplika ghal kulhadd.*

*Illi l-esponenti jichdu kategorikament u bil-qawwa kollha l-allegazzjoni li l-oghti tal-ittra (L) ghandha xi tifsira partikolari li qed tohloq diskriminazzjoni bejn cittadini Maltin. Fir-rikors promotur r-rikorrenti jaghmlu asserzjoni vaga li kull persuna f`Malta taf xi tfisser l-ittra (L) pero` minghajr ma` specifikaw x`inhi din it-tifsira li suppost jaf kulhadd! L-ittra (L) tinghata lil kull cittadin Malti li rregistra t-twelid tieghu fir-Registru Pubbliku wara 1 ta` Jannar 2000 u dan ifisser li minn din is-sena stess ser ikun hemm numru kbir ta` nies/zaghzagh li jghalqu l-erbatax-il sena u b`hekk ikunu eligibli biex japplikaw ghal karta` tal-identita`. Dawn iz-zaghzagh kollha ser ikollhom numru*

*tal-identita` li jispicca bl-ittra (L) u mhux (M). Il-vera tifsira tal-ittra (L) u r-raguni ghalfejn qed tintuza proprju din l-ittra ser tinghata waqt is-smiegh tal-kawza odjerna.*

*Illi apparti dan kollu, trattament diskriminatorju bbazat fuq in-numru tal-karta tal-identita` m`huwiex inkluz bhala "grounds for discrimination" fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Ghall-finijiet ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni id-diskriminazzjoni trid tkun dovuta specifikatament ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fis-subartikolu (3), cioe` razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess –* ***Prim` Awla tal-Qorti Civili (Kostituzzjonali), 15/2/2002, Michael Anthony Henley vs. Prim Ministru et. per Imhallef Vincent Degaetano.***

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati  fil-fatt u fid-dritt. . Billi fl-umili opinjoni tal-esponent l-ilmenti mnanqla mir-rikorrent huma ta' natura frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex jekk tħoss li huwa l-każ tikkunsidra l-applikazzjoni tal-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni** u **l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319;***

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni Elettorali tal-25 ta' Frar 2014 (a fol. 21 et seq.) li taqra hekk:

***"Dwar il-fatti***

1. *Illi l-fatti edotti fl-ewwel tmien paragrafi tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti huma kontestati billi jinsgu min-nuqqas da parti ta'l-atturi li jifhmu kif tahdem is-sistema tan-numri ta' l-identita' u l-esponenti ghalhekk sejjer l-ewwel jispjega dan:*

2. *Illi fl-ewwel lok ma huwiex minnu li l-ahhar zewg numri necessarjament jindikaw id-data ta'twelid ta' cittadin Malti.* ***Dana ghaliex l-ahhar zewg numri***

***jindikaw d-data meta persuna giet registrata f'Malta***. *Hekk ghat-tfal li twieldu Malta l-ahhar zewg numri jirraprezentaw id-data meta nhareg ic- certifikat tat-twelid li generalment, izda mhux dejjem, jikkorrispondi mas-sena tat-twelid. Ghal nies ohra nkluzi tfal ta' Maltin li twieldu barra minn Malta l-ahhar zewg numru jikkorispondu mad-data meta nghataw xi forma ta' residenza f'Malta.*

3. ***L-ittra tindika l-gzira fejn persuna giet registrata***. *Fir-rigward ta' l-ittra li tintuza' jigi rilevat li l-s-sistema tal-karti t'identita' dahlet fis-sehh fis-sena 1976 bl-Att dwar il-Karti ta' l-ldentita (Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta). Bhal f'kull sistema ohra li giet formulata f'dawk iz-zmenijiet fejn kellhu jigi ndikat sena, is-sena giet indikat b'zewg numri biss. Il-konsegwenza ta' dan kienet li fi tmiem is-seklu ghoxrin tfaccat il-kwistjoni ta' kif wiehed ghandhu jiddistingwi bejn seklu u iehor u kif ghandhom jigu evitati numri doppji, u cioe li numru t' identifikazzjoni antik jerga' jintuza'. ls-sistema adottata mir-Registratur ta' dawn l-Onorabbli Qrati kien li s-sena illum il-gurnata indikata b'erba' numri minflok tnejn (cioe 2014 flok 14). Dik is-soluzzjoni ma kenitx fattibli ghall-esponenti ghaliex illum il-gurnata l-karta t'identiti hija standard uzat f'diversi sistemi kemm publici u kemm privati. Ghalhekk ls-sistema addotata mir-Registratur intimat kien li jbiddel l-ittra, fejn qabel kien jintuzaw l-ittri 'M' jew 'G' (skond jekk persuna tkun giet registrata fil-gzira ta' Malta jew Ghawdex) issa bdew jintuzaw l-ittri 'L' jew 'H' skond il-kaz.*

4. *Jigi rilevat li ghal dawk in-numru li jirrisalu ghas-seklu dsatax jintuzaw l-ittri 'B' u 'Z' rispettivament.*

5. *Illi l-paragrafi 9 sa 11 tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati;*

6. *Illi l-paragrafi l-ohra tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati bhala assolutament infondati billi ma huwiex minnu u dana kif ghandhu jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza;*

***Dwar l-eccezzjonijiet***

7. *Illi fl-ewwel lok u preliminarjament inkwantu qed jigi allegat li iktar persuni jistghu jkunu milquta bil-lezjonijiet pretizi mir-rikorrenti jigi rilevat li r-*

*rikorrenti ma ghandhomx interess guridiku sabiex iresqu proceduri ghan-nom ta'terzi;*

8. *Illi fit-tieni lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda diskriminazzjoni fis-sistema uzata ghan-numri t'identifikazzjoni billi l-ittra 'L' tinghata lil kull minn jigi registrat f'Malta mis-sena elfejn 'l hawn kemm jekk hu Malti u kemm jekk hu barrani; lnoltre l-ahhar zewg numri tal-karta t'identita tirrifletti d-data meta persuna giet registrata Malta minghajr ebda diskriminazzjoni jekk huwa Malti jew barrani. L-unika distinzjoni li ssir hija ghalhekk bejn dawk in-nies li kienu registrati fis-seklu ghoxrin u dawk fis-seklu odjern liema distinzjoni hija wahda imposta mill-esigenzi tas-sistema;*

9. *Illi fit-tielet lok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost huwa l-obbligu tar-rikorrenti jgibu provi konkreti tal-lezjonijiet tad-drittijiet fondamentali u l-pregudizzju li soffrew;*

10. *Illi fir-raba' lok wiehed ma jistax' jifhem kif l-oghti ta' karta t'identita' li tghin fl-integrazzjoni fl-iStat tista' qatt tammonta ghal trattament inuman u degradanti;*

11. *Illi fil-hames lok ma hemm l-ebda ksur tad-dritt ghall-protezzjoni ghall-intimata tad-dar jew propjeta' ohra anke ghaliex l-informazzjoni mitlub ghall-oghti tal-karti t'identita huwa ragjonevoli u anzi huma essenzjali li jkunu maghrufa lil l-Awtoritajiet pubblici;*

12. *Illi fis-sitt lok lanqas ma wiehed jista' jifhem kif karta t'identita tista tkun leziva tad-dritt fondamentali ghal-protezzjoni ta' ghaqda u assocjazzjoni tar-rikorrenti;*

13. *Illi fis-seba' lok ma huwiex minnhu li l-karta t'identita tinfringi d-dritt ghal protezzjoni ta' liberta tal-moviment izda, ghal kuntrarju, tiggarantixxi dak id-dritt*

14. *Illi fit-tmien lok ma hemm l-ebda diskriminazzjoni fl-oghti tan-numri t'identita' u fi kwalsiasi kaz sabiex jaghti lok ghal rimedju d-diskriminazzjoni jrid iwassal ghal xi lezjoni ta' dritt fondamentali iehor;*

15. *Illi fid-disa' lok u bla pregudizzju ghal premess is-seba' u t-tmien talbiet attrici huma inamissibli billi l-ahhar zewg ittri u l-ittra 'L' huma imposti bil-ligi b'mod indiskriminat fuq kull persuna f' Malta.*

16. *Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni tar-rikorrenti."*

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Mejju 2014 fejn ordnat li jigi kjamat in kawza id-Direttur tal-Ufficcju tal-Immanigjar tal-Identita';

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza id-Direttur tal-Ufficcju tal-Immanigjar tal-Identita (a fol. 31 et seq.) li taqra hekk:

*"Illi fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-Artikoli 36, 38, 42, 44 u 45 tal-Kostituzzjoni, l-Artikoli 3, 8, 11, 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 2 tar-Raba` Protokoll u dan minħabba li qed ihossuhom diskriminati li inghataw numru tal-karta tal-identita` li jispicca bl-ittra (L) minfok l-ittra (M) u kif ukoll ghaliex l-ahhar zewg numri m`humiex l-ahhar zewg numri tas-sena tat-twelid taghhom.*

*Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jigi spjegat aktar ' l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi imxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-ligi liema ligi mhux qed tigi ikkontestata.*

*Illi jinghad ukoll li r-rikors promotur huwa mimli b`allegazzjonijiet vagi u fiergha li jrendu it-talbiet tar-rikorrenti frivoli u vessatorji.*

1. *Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-agir tal-esponenti huwa diskriminatorju u leziv tad-drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni hija allegazzjoni totalment infondata. Il-fatt li l-karta' tal-identita'*

*taghhom ghandha l-ittra (L) ma jfissirx li r-rikorrenti b'xi mod qed jigu assoggettati ghal trattament inuman u degradanti.*

*L-esponenti jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet* ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. UK*** *(1985) fejn il-Qorti Ewropeja irriteniet illi jrid ikun hemm intenzjoni ta' umiljazzjoni sabiex jigi sodisfatt ir-rekwizit ta' trattament degredanti. Il-Qorti Ewropeja osservat illi distinzjoni bejn konjugi ta' ragel u mara fir-regolamenti tal-immigrazzjoni ma kinux degredanti peress illi 'it was not designed to, and did not, humiliate or debase but was intended solely to achieve specified non discriminatory aims'. Tajjeb li wiehed ifakkar li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering". It-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna "intense physical and mental suffering" – kaz "Tekin v. Turkey", deciz fid-9 ta' Gunju, 1998. Ghar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta` taghha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu. Fl-umli fehma tal-esponenti il-fatt li qed jinhargu karti tal-identita` bl-ittra (L) zgur li ma jammontax ghal trattament li qed jikkawza sofferenza kbira kemm fizika jew morali lin-nies.*

*Ghalhekk ma hemm ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

2. *Illi l-allegazzjoni imressqa mir-rikorrenti li huma b`xi mod gew diskriminati mill-awtoritajiet Maltin u li allegatament soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni ghall-intimita' tad-dar jew proprejta' ohra protetti bl-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija wkoll allegazzjoni totalment infondata.*

   *Illi l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprotegu b'mod differenti dak li generikament jissejjah 'the right to privacy'. Dan ghaliex filwaqt li l-Artikolu 38 jitkellem dwar 'proprjeta' u 'post' ta' dak li jkun, l-*

*Artikolu 8 jitkellem dwar 'dar'. Madanakollu d-dritt tal-privatezza kif imhares b'dawn iz-zewg artikoli mhuwiex wiehed assolut izda huwa suggett ghal certu limitazzjonijiet meta jkunu jezistu cirkostanzi li jkunu meqjusa bhala gustifikabbli u ragonevoli f'socjeta' demokratika, liema cirkostanzi, kif ser jirrizulta aktar l-isfel f'din ir-risposta jezistu f'dan il-kaz.*

*Ghalhekk ma hemm ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

3. *Illi l-allegazzjoni mressqa mir-rikorrenti li huma b'xi mod gew diskriminati u li soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni ta' ghaqda u assocjazzjoni a tenur tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija wkoll allegazzjoni infondata.*

   *L-obbligu tal-Istat huwa illi jipprotegi d-dritt tal-individwu ghall-liberta' ta' ghaqda pacifika u liberta' ta' assocjazzjoni ma' ohrajn. L-esponenti jichdu illi r-rikorrenti gew impediti milli jezercitaw dan id-dritt u dan stante li l-fatt li n-numru fil-karta ta' l-identita' ta' persuna jkun jispicca bl-ittra (L), liema ittra tinghata lil kull persuna li twieldet wara s-sena 2000, bl-ebda mod ma jtellef lir-rikorrenti mid-dritt ghall-liberta' ta' ghaqda pacifika u ta' assocjazzjoni taghhom.*

   *Illi dan id-dritt ta' l-assocjazzjoni huwa wkoll soggett illi jigi regolat b'mod proporzjonat u f'dan il-kaz ma sar xejn illi jilledi l-imsemmi dritt fil-konfront tar-rikorrenti.*

   *Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

4. *Illi l-allegazzjoni mressqa mir-rikorrenti li huma b'xi mod gew diskriminati u li soffrew ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ghall-protezzjoni ta' liberta tal-moviment a tenur tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja hija wkoll allegazzjoni infondata.*

   *Illi l-karta tal-identita' mahruga lir-rikorrenti ghandha l-istess effetti bhal kull karta tal-identita' ohra mahruga mid-Dipartiment u bl-ebda mod ma xxekkel jew tostakola l-liberta' ta' movement gialadarba persuna tkun tgawdi minn tali liberta' ta'*

*movement. Ir-rikorrenti m`humiex qed jinzammu arrestati jew detenuti* ***illegalment*** *anzi bhala cittadini Maltin ghandhom id-dritt ta` moviment liberu gewwa Malta, id-dritt li jirrisjedu f'kull parti ta' Malta, id-dritt li johorgu minn Malta u d-dritt li jidhlu Malta.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

5. *Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li fuq il-karta tal-identita` inghataw ittra u/jew numri differenti minn cittadini ohra Maltin hija assolutament mhux veritiera. Illi certament li tali karta ta' l-identita ma tledi l-ebda dritt tar-rikorrenti jew twassal ghal xi diskriminazzjoni skont l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

   *Il-fatt li r-rikorrenti ghandhom karta tal-identita` b`numru li jispicca bl-ittra (L) ifisser biss li huma kkunsidrati bhala cittadini Maltin daqs kull cittadin iehor Malti li twieled f`Malta. Xejn iktar u xejn inqas. Kif ser jigi spjegat u ppruvat ahjar fil-kors ta` din il-kawza, kull cittadin Malti li rregistra t-twelid tieghu fir-Registru Pubbliku (Malta) wara 1 ta` Jannar 2000 ser ikollu numru tal-karta tal-identita` li jispicca bl-ittra (L) u min irregistrah Ghawdex ser ikollu l-ittra (H) minflok l-ittra (G) u dan japplika indiskriminatament kemm ghal dawk il-persuni li twieldu Malta kif ukoll ghal dawk li akkwistaw matul iz-zmien ic-cittadinanza Maltija (bhal ma huwa l-kaz tar-rikorrenti).*

   *Illi l-ahhar zewg numri tal-karta tal-identita` jirriflettu s-sena meta t-twelied gie irregistrat fir-Registru Pubbliku u mijiex s-sena tat-twelied kif qed jghidu skorretement ir-rikorrenti. Jekk per ezempju persuna twieldet fis-sena 1998 u t-twelid taghha gie rregistrat fis-sena 1999, dik il-persuna tinghata numru progressiv tas-sena 1999 skond in-numru li jkun imis f`dik is-sena. Dan allura jfisser li jekk ir-registrazzjoni ssir fl-istess sena meta jkun sar it-twelid, allura r-registrazzjoni ssir f'dak ir-registru ta` dik is-sena, imma jekk ir-registrazzjoni ssir snin wara, allura ssir fir-registru ta' dik is-sena li fiha tkun saret ir-registrazzjoni. Dan kollu huwa provdut fis-segwenti artikoli tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta:*

***240.*** *(1) L-atti li jidħlu għar-reġistrazzjoni għandhom jiġu nnumerati wieħed wara l-ieħor, għandhom iġibu d-data li fiha jiġu rċevuti u għandhom jiġu ffirmati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.*

***241.*** *Kull xorta ta' atti għandu jkollha numerazzjoni għaliha, li tibda mill-ewwel att u tispiċċa fl-aħħar wieħed li jkun daħal f'kull sena.*

***245.*** *(1) L-atti għandhom jitniżżlu fir-reġistru li jmiss, wieħed wara l-ieħor, fl-ordni li jkunu daħlu, u mingħajr ebda vojt bejniethom.*

*(2) Ir-reġistrazzjoni għandha ssir, sakemm jista' jkun, skont il-formuli li hawn ma' dan il-Kodiċi dwar kif għandhom jinkitbu l-atti, ukoll meta d-dokumenti, illi fil-każijiet imsemmijin f'dan it- Titolu jistgħu jiġu ppreżentati minflok dawn l-atti, ikunu magħmula xort'oħra.*

*(3) Ir-reġistrazzjoni għandu jkun fiha wkoll id-data ta' meta jidħol l-att, u t-traskrizzjoni tal-firma tad-Direttur.*

*Illi l- Artiklu 5(2) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li*

*(2) Il-karta tal-identità għandu jkollha ritratt tal-persuna li lilha tkun ġiet maħruġa, liema, fl-opinjoni tal-uffiċjal awtorizzat, ikun verament jixbaħ lil dik il-persuna fil-ħin li ġiet maħruġa l-karta tal-identità u għandu jkun hemm fuqha wkoll id-data li fiha tindika l-bidu tal-validità tagħha u meta tiskadi,* ***u n-numru tal-att ta' twelid tagħha kif mgħoti mir-Reġistru Pubbliku****. Għandu wkoll ikollha l-firma jew kopja tal-firma reċenti tad-detentur, kif ukoll id-dettalji tal-persuna konċernata li ġejjin:*

*(a) isem u kunjom;*
*(b) l-indirizz tal-post prinċipali ta' residenza;*
*(ċ) sess;*
*(d) nazzjonalità;*
*(e) post u d-data tat-twelid,*

> *u tista' tinkludi dawk id-dettalji jew informazzjoni oħra kif l-uffiċjal awtorizzat jidhirlu xierqa.*

*Illi galadarba l-ligi stess tghid li fuq il-karta tal-identita` jitnizzel in-numru tal-att tat-twelid mghoti mir-Registru Pubbliku isegwi ghalhekk li l-ahhar zewg numri li nsibu fuq il-karta tal-identita` huma n-numri tas-sena meta t-twelid gie irregistrat fir-Registru Pubbliku. Dan kollu huwa skond il-ligi u japplika ghal kulhadd.*

*Illi l-esponent jichad kategorikament u bil-qawwa kollha l-allegazzjoni li l-oghti tal-ittra (L) ghandha xi tifsira partikolari li qed tohloq diskriminazzjoni bejn cittadini Maltin. Fir-rikors promotur r-rikorrenti jaghmlu asserzjoni vaga li kull persuna f`Malta taf xi tfisser l-ittra (L) pero` minghajr ma` specifikaw x`inhi din it-tifsira li suppost jaf kulhadd! L-ittra (L) tinghata lil kull cittadin Malti li rregistra t-twelid tieghu fir-Registru Pubbliku wara 1 ta` Jannar 2000 u dan ifisser li minn din is-sena stess ser ikun hemm numru kbir ta` nies/zaghzagh li jghalqu l-erbatax-il sena u b`hekk ikunu eligibli biex japplikaw ghal karta` tal-identita`. Dawn iz-zaghzagh kollha ser ikollhom numru tal-identita` li jispicca bl-ittra (L) u mhux (M). Il-vera tifsira tal-ittra (L) u r-raguni ghalfejn qed tintuza proprju din l-ittra ser tinghata waqt is-smiegh tal-kawza odjerna.*

*Illi apparti dan kollu, trattament diskriminatorju bbazat fuq in-numru tal-karta tal-identita` m`huwiex inkluz bhala "grounds for discrimination" fl-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni. Ghall-finijiet ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni id-diskriminazzjoni trid tkun dovuta specifikatament ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fis-subartikolu (3), cioe` razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess –* ***Prim` Awla tal-Qorti Civili (Kostituzzjonali), 15/2/2002, Michael Anthony Henley vs. Prim Ministru et. per Imhallef Vincent Degaetano.***

*Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt. Billi fl-umili opinjoni tal-esponent l-ilmenti mnanqla mir-rikorrent huma ta' natura frivola u vessatorja din il-Qorti hija umilment mistiedna biex jekk tħoss li huwa l-każ tikkunsidra l-applikazzjoni tal-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni** u **l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319.***

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.”*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**Jesmond Camilleri** a fol 26A– D xehed illi huwa d-Direttur tal-Ufficju tal-Immanggjar tal-Identita li twaqqaf fl-2012. Qal illi fl-2014 l-ufficju ha r-responsabbilta ghall-ipprocessar l-hrug tal-karti tal-identita tac-cittadini Maltin minflok il-Kummissarju tal-Pulizija. Qal illi huma jiehdu n-numru mir-Registru Pubbliku u juzawh biex ikun l-istess numru fuq il-karta tal-identita. Kompla illi l-Prim'Ministru u l-Avukat Generali qatt ma jkunu involuti f'dan il-process.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk jirrizultax mill-ligi min gie ddelegat mill-Prim'Ministru ghal din il-funzjoni wiegeb illi din l-informazzjoni ma tirrizultax mill-ligi.

**Hesham Zayed** xehed permezz ta' affidavit a fol 45 – 46 illi huwa ilu joqoghod Malta mis-sena 1994 u zzewweg lil martu fis-sena 2005, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Spjega illi huwa sar cittadin Maltin fis-sena 2013, u n-numru tal-karta tal-identita tieghu kien jispicca bin-numru 13 u jgib l-ittra L. Kompla illi avvolja sar cittadin Maltin xorta baqa' jbati il-konsegwenzi u d-diffikultajiet li kien jiltaqa' maghhom meta kien ghadu ma kisibx ic-cittadinanza biex jixtri affarijiet fuq kreditu, biex jiftah kont il-bank u biex jiehu servizz ta' telefon u servizzi ohra utilitarji. Qal illi huwa kien jigi identifikat bhala barrani minhabba li ghandu l-ittra L fuq il-karta tal-identita tieghu u ghalhekk ma jistghax jintegra ruhhu sew fis-socjeta Maltija peress illi neta jmur biex jaghmel kuntratt, jew meta jwaqqfuh il-Pulizija dawn ma jemmnux li huwa cittadin Maltin minhabba li l-karta tal-identita tieghu ma ggibx l-ittra M.

**Elhadi Mohamed El Wohashi** xehed permezz ta' affidavit a fol 70 – 71 illi huwa sar cittadin Maltin fis-sena 2005 u dan wara li zzeweg mara Maltija ma liema ghandu erbat

itfal. Spjega illi kull darba li jkollu jipproduci l-karta tal-identita tieghu, hadd, inkluz il-pulizija, ma jemmen li huwa Malti minhabba li l-karta tal-identita iggib l-ittra L. Qal li minhbba f'hekk isibha difficli hafna biex jintegra fis-socjeta peress li qed jigi trattat b'mod differenti.

**Ali Rmadan Bodhir** xehed permezz ta' affidavit a fol 80 – 81 illi huwa ilu joqghod Malta mis-sena 1994 u jahdem self-employed bhala kahhal u bajjad. Kompla illi huwa zzewweg lil martu fis-sena 2003, u kiseb ic-cittadinanza fis-sena 2009, f'liema stadju huwa inghata karta tal-identita li tispicca bin-numru 09 u iggib l-ittra L. Spjega illi ghalhekk ghadu jbati l-istess diffikultajiet li kien jirriskontra qabel ma sar cittadin peress illi qed jigi percepit li m'huwiex cittadin Maltin ghaliex li kieku kien ikollu numru ta' karta tal-identita bhal haddiehor. Qal illi anke meta jmur l-isptar Mater Dei isofri problemi, ghaliex jitolbuh jekk ghandux assikurazzjoni jew biex jaghmel depozitu biex ikun jista' juza s-servizzi tas-sahha, u mhux l-ewwel darba li spicca telaq mill-isptar minghajr ma jiehu servizz minhabba li jkun idejjaq mil-mod kif gie trattat. Spejga wkoll illi anke meta ried jiftah kont ma' bank, il-bank talbu li jzomm elf Ewro garanzija li ma kienx ikun jista' juza. Qal li minhabba dan it-trattament diskriminatorju, huwa qed isibha difficli biex jintegra fis-socjeta Maltija bhala wiehed mic-cittadini taghha.

**Khaled Riani** xehed permezz ta' affidavit a fol 87 – 88 illi huwa ilu joqghod Maltin mis-sena 1993 u huwa self-employed fil-qasam tal-ispettakolu. Kompla li huma zzewweg lil martu fis-sena 2000, u kellhom zewgt itfal. Qal illi huwa sar cittain fis-sena 2006, u kien gie moghti karta tal-identita li tispicca bin-numru 06 u ggib l-ittra L. Qal illi minhabba f'hekk baqa' jbati l-istess diffikultajiet li kien jirriskontra meta ma kienx ghadu sar cittadin, minhabba l-percezzjoni ta' hafna Maltin illi huwa mhux Malti peress li m'ghandux numru tal-karta tal-identita bhal kulhadd. Qal illi minhabba dan huwa jkollu diffikulta biex jiftah kontijiet tal-bank biex jiehu self u biex jiehu xi sevizza anke mill-privat. Kompla illi anke meta jmur l-isptar jintalab biex ihallas sabiex juza s-servizzi tas-sahha. Spjega li ghalih dan kollu huwa partikolarment imbarazzanti ghaliex peress ill huwa jahdem fil-qasam tat-television jafuh hafna nies.

**Roberta Grech** xehdet a fol 104 – 109 illi huwa tahdem bhala Assistant Principal mal-Identity Malta. Spjegat li n-numru tal-karta tal-identita johrog meta wiehed imur jirregistra li jkun sar Maltin mar-Registru Pubbliku.

Hija spejgat illi l-ahhar zewg numru tal-karta tal-identita jirriflettu s-sena meta l-persuna tkun giet registrata. Rigward l-ittra qalet illi l-ittra M u G kienu jinghataw lin-nies kollha li gew registrati bejn is-sena 1900 u 1999, filwaqt li mis-sena 2000 cittadini rregistrati Malta jiehdu l-ittra L u dawk irregistrati Ghawdex jiehdu l-ittra H. Qalet illi dawk il-Maltin li gew registrati bejn is-snin 1800 u 1899 kienu jiehdu l-ittra B, filwaqt li l-Ghawdxin kienu jiehdu l-ittra Z. Spejgat illi din is-sistema tapplika kemm ghal min twieled Malta u kif ukoll ghal dawk il-barranin li akkwistaw ic-cittadinanza Maltija.

In kontra ezami spjegat li anke fil-kaz tal-persuni li jitwieldu Malta, l-ahhar zewg numru tal-karta tal-identita jikkorrispondu ghas-sena ta' meta gew registrati, mhux is-sena ta' twelid taghhom. Bl-istess mod, zewg Maltin li jkollhom tarbija u jirregistrawha Malta snin wara twelid taghha, l-ahhar zewg numru tal-karta tal-identita jirriflettu d-data tar-registrazzjoni u mhux id-data tat-twelid.

**Ruben Debono** xehed a fol 110 – 114 illi huwa jahdem bhala Principal Officer tar-Registru Pubbliku. Spjega illi kull persuna li titwieled Malta jew tiehu c-cittadinanza Maltika tigi rregistrata u r-Registru Pubbliku jaghtu numru li jibda bin-numru wiehed, u jkompli sekwenzjalment sal-ahhar tas-sena. Rigward l-ittra fl-ahhar tan-numru qal li din tkun trid tinbidel kull mitt sena ghaliex inkella jkun hemm clash peress illi jkun hemm duplikazzjoni ta' numri. Qal li dan kollu japplika kemm ghal min twieled Malta, u kemm ghal dawk il-persuni li twieldu barra minn Malta imbaghad kisbu c-cittadinanza Maltija. Kompla illi dawn il-persuna kollha, mis-sena 2000 'l hawn qed igibu l-ittra L fuq il-karta tal-identita taghhom, u din is-sistema ser tibqa' ghaddejja sas-sena 2099.

**Ikkonsidrat;**

Il-Prim Ministru, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Generali eccepew preliminarjament illi m'ghandux interess guridiku f'din il-kawza u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Fir-rigward tal-Prim Ministru, il-Qorti tqis illi m'huwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan galadarba huwa l-

Ufficju ghall-Immanigjar tal-Identita li huwa responsabbli ghal hrug tal-karti tal-identita.

Fir-rigward tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni li m'huwiex legittimu kontradittur m'hijiex fondata u dan stante illi fix-xhieda tad-Direttur tal-Ufficcju tal-Immaniggjar tal-Identita Jesmond Camilleri a fol 26B, in-numru tal-karta tal-identita jittiehed min-numru tar-registrazzjoni tal-persuna tar-Registru Pubbliku.

Il-Qorti taghraf illi ir-rikorrenti m'hux qed jilmentaw rigward il-validita ta' xi ligi, izda rigward l-agir jew il-prattika ta' awtorita pubblika partikolari. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-Avukat Generali m'huwiex legittimu kontradittur f'din l-azzjoni u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-Prim Ministru, u l-Avukat Generali qed tigi milqugha, u l-Qorti qed tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrenti jallegaw illi n-numru tal-karta tal-identita taghhom igib l-ittra L minflok M jikkostitwixxi lezjoni tal-Artikolu 35 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kovenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali peress illi huwa trattament inuman u degradanti.

L-Artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jipprojbixxu b'mod assolut it-tortura u piena jew trattament inuman jew degradanti, irrispettivament mic-cirkostanzi u l-imgieba tal-vittma, u ghalhekk ihaddnu wiehed mill-iktar valuri fundamentali f'socjeta demokratika.

B'mod generali fir-rigward tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani spjegat illi:

> ***"[i] order for ill-treatment to fall within the scope of Article 3 it must attain a minimum level of severity. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends***

> ***on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. Ill-treatment that attains such a minimum level of severity usually involves actual bodily injury or intense physical or mental suffering. However, even in the absence of these aspects, where treatment humiliates or debases an individual, showing a lack of respect for or diminishing his or her human dignity, or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual's moral and physical resistance, it may be characterised as degrading and also fall within the prohibition set forth in Article 3. It should also be pointed out that it may well suffice that the victim is humiliated in his own eyes, even if not in the eyes of others."***[1]

B'mod iktar specifiku ghall-ilment tar-rikorrenti, il-Qorti Ewropeja diga kellha okkazzjoni illi tezamina ilment li jaqa' taht l-Artikolu 3 ibbazat fuq allegata diskriminazzjoni istituzzjonali. Fis-sentenza **Smith and Grady v. The United Kingdom**, il-Qorti Ewropeja kienet tal-fehma illi:

> *"...**treatment which is grounded upon a predisposed bias on the part of a … majority against a … minority could, in principle, fall within the scope of Article 3**..."*[2]

Pero, wara ezami tal-fatti, il-Qorti Ewropeja sabet illi fic-cirkostanzi, l-agir diskriminatorju soffert mir-rikorrenti f'dak il-kaz ma kienx jammont ghal trattament inuman jew degradanti.

Similarment, fil-sentenza fl-ismijiet **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. The United Kingdom** il-Qorti Ewropeja ,illi wkoll kienet titratta ilment ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 3 minhabba diskriminazzjoni istituzzjonali irrilevat illi:

---

1Vide per ezempju **Josef Wos v. Poland**, ECHR 6058/10 deciza 28 ta' Gunju 2016.
2**Smith and Grady v. The United Kingdom,** ECHR 33985/96 u 33986/96 deciza 27 ta' Settembru 1999.

> ***"...the difference of treatment complained of did not denote any contempt or lack of respect for the personality of the applicants and that it was not designed to, and did not, humiliate or debase but was intended solely to achieve the aims referred to in paragraphs 75, 76, 78 and 81 above (see the Albert and Le Compte judgment of 10 February 1983, Series A no. 58, p. 13, para. 22). It cannot therefore be regarded as "degrading"."***[3]

Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz l-ilment tar-rikorrent illi gew soggettati ghal trattament inuman u degradanti minhabba illi l-karta tal-identita taghhom iggib l-ittra L minflok l-ittra M huwa kompletament infondat. Kif irrizulta ampjament mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, il-fatt illi l-karti tal-identita tar-rikorrenti iggib l-ittra L huwa dovut ghal fatt illi kull seklu, l-Istat ikollu jibdel l-ittra inkluza fin-numru tal-karta ta' identita tac-cittadini Maltin, u dan sabiex jigi evitat li jkun hemm numri doppji. Ghalhekk kull persuna li giet irregistrata bhala cittadin Maltin mis-sena 2000 'l hemm, ghandha l-ittra L u mhux l-ittra M (jew H minflok G fil-kaz ta' Ghawdex), u dan irrispettivament jekk twielditx Malta jew le. Ghalhekk huwa car illi l-ilment tar-rikorrenti huwa ghal kollox infondat.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrenti ilmentaw ukoll illi minhabba l-istess agir, huma soffrew  ksur tad-drittijiet taghhom hekk sanciti taht l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta'Malta u l-Artikolu 8 tal-Kovenzioni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

L-iskop ta' dawn l-artikolu huwa l-protezzjoni tal-indivdwu minn azzjoni arbitrarja da parti tal-awtorita pubblika. Sabiex jattira l-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli, ilment irid jaqa' taht wiehed mill-erba dimensjonijiet garantiti minnhom, u cioe

---

3**Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. The United Kingdom,** ECHR 15/1983 deciza 24 ta' April 1985.

1. hajja privata;
2. hajja familjarji;
3. residenza;
4. korrispondenza.

Imbaghad, l-ezami sabiex jigi determinat jekk ilment huwiex fondat jinvolvi zewg fazijiet. Dawn iz-zewg fazijiet iridu jigu sodisfatti kumulattivament, u ghalhekk jekk ilment ma jissodisfax l-ewwel fazi tal-ezami, il-Qorti ma jkollha l-ebda ghazla ohra hlief li tieqaf mill-ezami tal-ilment u ssib illi ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-Artikoli.

1. L-ewwel nett ghandu jigi ezaminat jekk l-ilment jaqax taht wiehed mill-kategoriji imsemmija iktar il-fuq.

2. Fit-tieni fazi, il-Qorti tezamina jekk kienx hemm interferenza mad-drittijiet sanciti taht dan l-Artikolu u fil-kaz illi ssib li kien hemm interferenza tghaddi biex tezamina jekk din l-interferenza kienitx:

   a. skont il-ligi

   b. jekk kellix ghan legittimu; u

3. jekk kienetx necessarja f'socjeta demokratika.

Il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz, l-ilment jaqa' taht il-kategorija ta' privatezza, peress illi, skont l-ilment tar-rikorrenti, l-ittra indikata fuq il-karta tal-identita taghhom tiddistingwihom bhala barranin kull darba li jkollhom jaghtu n-numru tal-karta tal-identita taghhom. Ghalhekk, kieku fondat, dan l-ilment jaqa' decizament taht il-kategorija protetta ta' hajja privata.

Pero, l-ilment tar-rikorrenti ifalli it-tieni stadju tal-ezami. Mill-provi prodotti jirrizulta bl-iktar mod car li **ma kien hemm ebda interferenza fid-drittijiet tar-rikorrenti**, u dan billi l-ittra L ma inghatatx lilhom ghaliex ma twieldux Malta, izda sempliciment ghaliex irregistraw bhala cittadini Maltin wara s-sena 1999, u ghalhekk inghataw l-ittra L bhal kull persuna, inkluz dawn imwieldin Malta, illi gew irregistrati wara s-sena 1999.

Dan ifisser illi l-fatt li l-karta tal-identita taghhom iggib l-ittra L bl-ebda mod ma jiddivulga xi informazzjoni personsal dwar il-pajjiz tat-twelid taghhom ma terzi persuni li jsiru jafu n-numru tal-karta tal-identita taghhom.

Ghalhekk dan l-ilment huwa nfondat u qed jigi michud.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrenti ilmentaw ukoll illi l-istess agir jissarraf fi ksur tal-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 11 tal-Kovenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghraf illi ma tressqu l-ebda provi li jissostanzjaw l-ilment tar-rikorrenti illi l-fatt li l-karti tal-identita taghhom iggib l-ittra L l-Istat naqas b'xi mod milli jiggarantixxi lilhom it-tgawdija tad-dritt ghal-liberta ta' ghaqda pacifika jew assocjazzjoni ma' ohrajn. Inoltre, bhal ma diga inghad iktar il-fuq, galadarba kull minn gie rregistrat bhala cittadin Malta, inkluz dawk in-nies imwieldin Malta, ghandhom l-ittra L fuq il-karta tal-identita taghhom, huwa car li l-ilment tar-rikorrent huwa ghal kollox infondat.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrenti ilmentaw ukoll illi l-istess agir jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom hekk kif sanciti ai termini tal-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tar-Raba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal- Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Skont il-fatt kif riportati mir-rikorrenti, il-Qorti ma tistax taghraf kif possibilment soffrew ksur tad-dritt taghhom ghal liberta ta' moviment u l-liberta li jaghzlu r-residenza taghhom. Peress illi r-rikorrenti baqghu ma prezentawx in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom minkejja li l-Qorti tathom diversi opportunitajiet biex jaghmlu dan u lanqas ma dehru biex jittrattaw, l-ebda spjegazzjoni ta' dan l-ilment ma inghatat lil Qorti. Dan dejjem apparti dak li ntqal iktar il-fuq, u cioe illi galadarba r-rikorrenti ghandhom l-

istess ittra fuq il-karta tal-identita taghhom bhal kull persuna rregistrata Malta wara s-sena 1999, l-ilment zgur ma jistghax ikun fondat.

Il-Qorti tqis illi dan l-ilment mhux biss huwa nfondat, izda huwa wkoll frivolu u vessatorju u ghalhekk qed jigi michud.

**Ikkonsidrat;**

Finalment, ir-rikorrenti ilmentaw ukoll illi permezz tal-istess agir huma soffrew lezjoni tad-drittijiet taghhom hekk kif sanciti  taht l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali fl-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti tibda biex tirrileva illi l-artikoli li jiggarantixxu protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni ma jistghux jigu applikati independentement ghaliex m'ghandhom ezistenza awtonoma, izda jistghu biss jigu applikati in konnessjoni ta' dritt fondamentali iehor protett mill- Konvenzjoni Ewropea.[4]

Illi ghalkemm il-Qorti tista' teknikament taghzel illi ma tiddisponix minn dan l-ilment galadarba ma giex moghti in konnessjoni ma dritt fondamentali iehor, il-Qorti ser tezamina dan l-ilment xorta wahda, in vista tal-principju illi m'ghandux jigi applikat formalizmu eccessiv specjalment f'kawza kostituzzjonali, minhabba l-fatt li r-rikorrenti ressqu numru ta' ilmenti ohra li nghataw mhux biss b'mod alternattiv izda anke b'mod kumulattiv.

Skond l-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Aquilina et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Lulju 2008:

> *"[b]iex jigi mistharreg l-ilment taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti jidhrilha xieraq li jinghad illi llum il-gurnata huwa stabbilit sewwa illi biex jitqies illi jkun inghata trattament diskriminatorju kontra persuna, jehtieg jirrizulta li*

4 Ara per ezempju: **Botta v. Italy**, ECHR21439/93 deciza 24 ta' Frar 1998 u **Vilho Eskelinen v. Finland**, ECHR 63235/00 deciza 19 ta' April 2007.

> *(a) j**kun inghata lil persuna trattament differenti minn dak moghti lil persuna jew ghadd ta' persuni ohrajn (b) li jkunu fl-istess qaghda jew wahda li tixbahha**, (c) liema trattament differenti ma jkunx oggettivament jew ragjonevolment misthoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-ghan mixtieq u l-mezz uzat".*

Fil-kaz odjern, irrizulta b'mod ampju li r-rikorrenti ma nghatawx trattament differenti minn dak moghti lil persuni ohrajn li huma fl-istess qaghda taghhom jew wahda tixbahom. Filfatt mill-provi rrizulta illi r-rikorrenti gew trattati bhal ma tigi trattata kull persuna li tirregistra ruhha bhala cittadin Malta, independentement mill-pajjiz tal-origini taghha billi:

1. l-ahhar zewg numru juru d-data tar-registrazzjoni taghhom bhala cittadini u
2. l-ittra L tinghata lil kull persuna li tirregistra wara s-sena 1999.

Ghalhekk dan l-ilment huwa nfondat, u qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezjoni preliminari tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Prim Ministru, u l-Avukat Generali u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimat l-iehor, u tal-kjamat in kawza u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**